Komunikazzjoni mill-Ministru għall-Iżvilupp Nazzjonali tal-Ungerija skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi

(2013/C 224/13)

SEJĦA PUBBLIKA GĦALL-OFFERTA GĦAL KONĊESSJONI

GĦALL-PROSPETTAR, L-ESTRAZZJONI U L-ISFRUTTAR TAL-ENERĠIJA TAĦT KONĊESSJONI FIŻ-ŻONA KECSKEMÉT

F'isem l-Istat Ungeriż, il-Ministru għall-Iżvilupp Nazzjonali ("l-Awtorità Kontraenti" jew "il-Ministru") bħala l-ministru responsabbli għall-minjieri u l-assi proprji tal-Istat hawnhekk joħroġ sejħa pubblika għall-offerti għall-prospettar, l-estrazzjoni u l-isfruttar tal-enerġija ġeotermali taħt kuntratt ta' konċessjoni abbażi tal-Att CXCVI tal-2011 dwar l-assi nazzjonali ("l-Att dwar l-Assi Nazzjonali"), l-Att XVI tal-1991 dwar il-Konċessjonijiet ("l-Att dwar il-Konċessjonijiet") u l-Att XLVIII tal-1993 dwar il-minjieri ("l-Att dwar il-Minjieri"), li huwa soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin.

1. Il-Ministru se jippublika s-sejħa għall-offerti, jiġġudika l-offerti u jikkonkludi l-kuntratt ta' konċessjoni f'kooperazzjoni mal-Uffiċċju Ungeriż għall-Minjieri u l-Ġeoloġija (*Magyar Bányászati és Földtani Hivatal*) skont l-Att dwar il-Konċessjonijiet u l-Att dwar il-Minjieri. L-offerti li jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti se jiġu evalwati minn Kumitat għall-Evalwazzjoni mwaqqaf mill-Ministru.

Fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Evalwazzjoni, il-Ministru joħroġ id-deċiżjoni li tagħti l-konċessjoni, li abbażi tagħha, il-Ministru jista' mbagħad jikkonkludi l-kuntratt ta' konċessjoni mal-offerent rebbieħ skont it-Taqsima 5(1) tal-Att dwar il-Konċessjonijiet [1].

Il-lingwa tal-proċedura għas-sejħa għall-offerti hija l-Ungeriż.

2. Il-parteċipazzjoni fil-proċedura għas-sejħa għall-offerti hija miftuħa għal kwalunkwe persuna domestika jew barranija u għal kwalunkwe organizzazzjoni transparenti skont it-tifsira tal-Att dwar l-Assi Nazzjonali, sakemm dawn jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti; jistgħu jsiru offerti konġunti. Fil-każ ta' offerti konġunti għal din l-attività jew qasam ta' konċessjoni, l-offerenti jridu jinnominaw wieħed minnhom stess bħala rappreżentat, iżda dawn jassumu responsabbiltà konġunta u diversa għat-twettiq ta' kuntratt ta' konċessjoni. L-offerenti domestiċi jew barranin se jiġu trattati fuq bażi ugwali skont il-proċedura tas-sejħa għall-offerti.

Għall-iskop tat-twettiq tal-attività soġġetta għall-konċessjoni, l-offerent, li jiffirma l-kuntratt tal-konċessjoni ("id-Detentur tal-Konċessjoni"), filwaqt li juża' r-riżorsi proprji tiegħu għandu, fi żmien ta' 90 jum mill-firma, joħloq kumpanija b'personalità legali u bl-uffiċċju reġistart tagħha fl-Ungerija ("il-Kumpanija tal-Konċessjoni"); id-Detentur tal-Konċessjoni għandu jkollu l-maġġoranza tal-ishma, l-interessi tan-negozju u d-drittijiet tal-vot fil-kumpanija fiż-żmien li din titwaqqaf u sakemm tkompli teżisti, u bħala sid, għandu jwettaq l-infurzar tar-rekwiżiti speċifikati fil-kuntratt tal-konċessjoni fi ħdan il-Kumpanija tal-Konċessjoni. Il-Kumpanija tal-Konċessjoni se tgawdi minn dawn id-drittijiet, u bħala l-operatur tal-minjieri, tkun soġġetta għall-obbligi skont il-kuntratt ta' konċessjoni.

3. It-tul taż-żmien tal-konċessjoni: 35 sena mid-dħul fis-seħħ tal-kuntratt ta' konċessjoni; it-tul taż-żmien oriġinali jista' jiġi estiż darba mingħajr ebda sejħa għall-offerta għall-massimu ta' nofs tat-tul taż-żmien oriġinali tiegħu, jekk id-Detentur tal-Konċessjoni u l-Kumpanija tal-Konċessjoni jkunu kkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-kuntratt u fil-ħin.

4. Dejta dwar iż-żona magħżula għall-konċessjoni

Żona magħżula għall-konċessjoni: Iż-żona tinsab bejn il-muniċipalitajiet li qed jidhru fit-tabella t'hawn taħt fil-kontea ta' Bács-Kiskun.

Muniċipalità	Kontea	Muniċipalità	Kontea	Muniċipalità	Kontea
Ágasegyháza	Bács-Kiskun	Kecskemét	Bács-Kiskun	Nyárlőrinc	Bács-Kiskun
Ballószög	Bács-Kiskun	Kerekegyháza	Bács-Kiskun	Orgovány	Bács-Kiskun

[1] Fid-data li fiha din is-sejħa għall-offerti qed tkun ippubblikata, il-membru tal-Gvern responsabbli għas-sorveljanza tal-assi proprji tal-Istat u għall-minjieri huwa l-ministru għall-iżvilupp nazzjonali skont it-Taqsima 84(d) u (g) tad-Digriet tal-Gvern 212/2010 tal-1 ta' Lulju 2010 li jirregola d-dmirijiet u s-setgħat ta' ċerti ministri u tas-segretarju tal-Istat fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Muniċipalità	Kontea	Muniċipalità	Kontea	Muniċipalità	Kontea
Fülöpháza	Bács-Kiskun	Lajosmizse	Bács-Kiskun	Szentkirály	Bács-Kiskun
Helvécia	Bács-Kiskun	Nagykőrös:	Bács-Kiskun	Városföld	Bács-Kiskun

Id-daqs taż-żona: 525,3 km^2.

Materjal żejjed fuq iż-żona magħżula għall-konċessjoni – 2 500 m mkejla mill-wiċċ u għall-blat tal-qiegħ – 6 000 m mkejla mill-wiċċ.

Wieħed jista' jara l-koordinati tal-punti tal-fruntieri li jiffissaw il-limiti taż-żona magħżula għall-konċessjoni fuq is-Sistema tal-Projezzjoni Uniformi Nazzjonali billi jikklikkja fuq it-tab "Koncessző" tal-websajt tal-Uffiċċju Ungeriż għall-Minjieri u l-Ġeoloġija (http://www.mbfh.hu) jew fuq il-websajt tal-Ministeru tal-Iżvilupp Nazzjonali (http://www.kormany.hu/hu/nemzeti-fejlesztesi-miniszterium).

5. Il-miżata minima netta tal-konċessjoni: HUF 50 000 000 (ħamsin miljun forint), imma offerta għal ammont iffissat akbar jista' jiddaħħal fil-proċedura tas-sejħa għall-offerti. Hekk kif ir-riżultat ikun ippubblikat, l-offerent rebbieħ għandu jħallas il-miżata tal-konċessjoni għal dak l-ammont, skont il-mod u sad-data speċifikata fil-kuntratt ta' konċessjoni.

6. Il-parteċipazzjoni fil-proċedura għas-sejħa għall-offerti tal-konċessjoni hija soġġetta għall-miżata tal-parteċipazzjoni ta' 3 % tal-miżata minima tal-konċessjoni stabbilita fid-Dokument tas-Sejħa għall-Offerti, jiġifieri, HUF 1 500 000 nett (miljun u ħames mitt elf forint) flimkien mal-VAT; dan l-ammont irid jitħallas skont il-mod speċifikat fid-Dokument għas-Sejħa għall-Offerti.

7. Sabiex l-offerta tal-offerenti tkun valida, flimkien mal-ħlas tal-miżata ta' parteċipazzjoni, dawn għandhom jippreżentaw garanzija tal-offerta ta' 7 % tal-miżata minima ta' konċessjoni, stabbilita fl-Avviż tas-Sejħa għall-Offerti, jiġifieri, HUF 3 500 000 (tliet miljun u ħames mitt forint), sad-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni tal-offerti, bħala garanzija li l-offerta qed torbot. Il-garanzija tal-offerta mħallsa tkun konfiskata mill-Awtorità Kontraenti jekk l-offerent jirtira jew jekk l-offerent jirbaħ l-offerta imma mbagħad ifalli milli jikkonkludi l-kuntratt, jew ifalli biex iħallas il-miżata tal-konċessjoni offruta, għall-ammont, skont il-mod u sad-data tal-iskadenza stipulata fil-kuntratt. Il-garanzija tal-offerta għandha titħallas skont il-mod speċifikat fid-Dokument tas-Sejħa għall-Offerti.

8. Ir-royalty tal-minjieri li trid titħallas abbażi tal-kuntratt ta' konċessjoni se tkun persentaġġ tar-royalty tal-minjieri attwalment stabbilit fl-Att dwar il-Minjieri f'konformità mad-deċiżjoni tal-Ministru, b'5,50 % addizzjonali.

9. Il-kondizzjonijiet legali, finanzjarji, tekniċi u oħrajn, u l-informazzjoni relatata mal-proċedura tas-sejħa għall-offerti jinsabu fid-Dokument tas-Sejħa għall-Offerta.

10. Id-Dokument tas-Sejħa għall-Offerti jista' jinġabar fl-Uffiċċju tas-Servizz mal-Klijenti tal-Uffiċċju Ungeriż għall-Minjieri u l-Ġeoloġija (Columbus utca 17-23, 1145 Budapest, Hungary; telefown: +36 13012900) fil-jiem tax-xogħol bejn it-8 a.m. u s-2 p.m. sal-jum qabel id-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni, fuq il-preżentazzjoni tad-dokumenti ta' provi adegwati li juru li l-prezz tax-xiri tad-Dokument tal-Offerta tħallas (preferibbilment dikjarazzjoni bankarja li turi li l-kont bankarju ġie debitat għal dak l-ammont). L-Uffiċċju Ungeriż għall-Minjieri u l-Ġeoloġija se jagħti lix-xerrej ċertifikat f'ismu li jikkonferma li hu rċieva d-Dokument tas-Sejħa għall-Offerti.

Meta jinxtara d-Dokument tas-Sejħa għall-Offerti, ix-xerrej għandu wkoll jissottometti Karta ta' Identifikazzjoni tal-Offerent tal-Konċessjoni bl-iskop li jista' jiġi kkuntattjat u jirċievi komunikazzjonijiet. Fuq il-Karta ta' Identifikazzjoni tal-Offerent tal-Konċessjoni x-xerrej għandu jniżżel ismu u l-indirizz, indirizz tal-email (fejn jistgħu jintbagħtu il-komunikazzjonijiet mill-Awtorità Kontraenti dwar id-Dokument tas-Sejħa għall-Offerti) u l-identifikatur tat-taxxa u jiddikjara li hu debitament awtorizzat li jixtri d-Dokument tal-Offerta.

11. Il-prezz tax-xiri tad-Dokument tas-Sejħa għall-Offerti huwa HUF 25 000 (ħamsa u għoxrin elf forint) flimkien mal-VAT, li għandu jitħallas bi trasferiment lejn il-kont Nru 100032000-01417179-00000000 tal-Uffiċċju Ungeriż għall-Minjieri u l-Ġeoloġija. Il-messaġġ li għandu jakkumpanja t-transferiment għandu jgħid "Geotermikus energia kutatása, kinyerése, hasznosítása Kecskemét elnevezésű területen tárgyú Koncessziós pályázati eljárás, Koncessziós pályázati kiírás vételára (Sejħa għall-offerta għall-prospettar, l-estrazzjoni u l-isfruttar tal-enerġija ġeotermali fiż-żona ta' Kecskemét, prezz tax-Xiri għal dokument tal-offerti għall-konċessjoni)" u l-isem u l-indirizz tal-offerent. Il-prezz tax-xiri għad-Dokument tas-Sejħa għall-Offerti ma jistax jitħallas fi flus u mhuwiex rimborsabbli, la parzjalment u lanqas b'mod sħiħ.

12. L-offerti jistgħu jiġu sottomessi biss mill-persuni ċċertifikati li xtraw id-Dokument tas-Sejħa għall-Offerti u li kienu ħallsu kemm il-miżata tal-parteċipazzjoni u kif ukoll il-garanzija tal-offerta.

13. L-offerti għandhom jiġu sottomessi personalment fil-15 ta' Novembru 2013 bejn l-10 u nofsinhar fl-Uffiċċju tas-Servizz mal-Klijenti tal-Uffiċċju Ungeriż għall-Minjieri u l-Ġeoloġija (indirizz: Columbus utca 17-23, 1145 Budapest, Hungary) bl-Ungeriż, kif speċifikat fid-Dokument tas-Sejħa għall-Offerti.

14. Hekk kif l-offerta tiġi sottomessa ssir vinkolanti fuq l-offerent u tibqa' vinkolanti sakemm il-proċedura tas-sejħa għall-offerti tispiċċa. L-offerenti ma jistgħux jeskludu r-responsabbiltà għall-falliment ta' konformità mal-offerta tagħhom.

15. Il-Ministru jirriżerva d-dritt li jiddikjara l-proċedura tas-sejħa għall-offerti għall-konċessjoni bħala waħda mingħajr suċċess. Ma tista' titnieda l-ebda talba kontra proċedura tas-sejħa għall-offerti dikjarata falluta, kontra l-Ministru, l-Istat Ungeriż rappreżentat mill-Ministru, jew il-Ministeru għall-Iżvilupp bħala l-post tax-xogħol tal-Ministru.

16. L-offerent rebbieħ jakkwista d-dritt esklussiv għall-prospettar, l-estrazzjoni u l-isfruttar tal-idrokarburi fiż-żona magħżula għall-konċessjoni għat-tul ta' żmien tal-konċessjoni permezz tal-Kumpanija tal-Konċessjoni, mwaqqfa b'mod obbligatorju għal dak l-iskop. Hekk kif id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-fruntieri tal-protezzjoni ġeotermali tkun finali u tista' tiddaħħal fis-seħħ, id-dritt tal-konċessjoni għaż-żona għall-prospettar se tkun limitata għaż-żona tal-fruntieri tal-protezzjoni ġeotermali.

17. Kull offerent jista' jissottometti biss offerta valida waħda.

18. Il-limitu ta' żmien skedat għall-aġġudikazzjoni tal-offerta għall-konċessjoni: fi żmien disgħin jum wara d-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni tal-offerti.

19. L-Awtorità Kontraenti se tiżgura kondizzjonijiet ugwali u mhux se tapplika ebda kriterji preferenzjali.

20. Kriterji ta' aġġudikazzjoni tal-offerta:

I. Kriterji tal-valutazzjoni dwar il-kontenut tal-Programm ta' Ħidma soġġett għall-konċessjoni:

— Tfassil ta' programm bil-għan li jintlaħaq il-prospettar, l-estrazzjoni u l-isfruttar massimi tal-enerġija ġeotermali u li jfittex li jwettaq il-prospettar bl-aktar mod komprensiv u f'żona bl-aktar mod wiesa' possibbli fis-sit tal-konċessjoni; il-kwantità mistennija ta' enerġija ġeotermali sfruttabbli (f'PJ);

— kemm huma aġġornati s-soluzzjonijiet tekniċi previsti;

— il-miżuri previsti għall-protezzjoni tal-ambjent u l-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-ħsara matul ix-xogħol soġġett għall-konċessjoni;

— id-data tal-iskadenza tal-attività ta' riċerka soġġetta għall-konċessjoni.

II. Kriterji tal-valutazzjoni dwar l-kapaċità tal-offerent biex iwettaq il-kuntratt tal-konċessjoni:

— il-pożizzjoni finanzjarja tal-offerent, id-disponibbiltà tar-riżorsi li hemm bżonn biex jiġi ffinanzjat ix-xogħol li għandu jitwettaq skont il-konċessjoni, u l-proporzjon ta' dan il-kont li ġej mir-riżorsi propji;

— il-valur totali tax-xogħol imwettaq f'konnessjoni mal-prospettar, l-estrazzjoni u l-isfruttar tal-enerġija ġeotermali.

III. Id-daqs tal-miżata tal-konċessjoni offruta fuq il-ħlas minimu tal-konċessjoni stabbilit mill-Ministru.

Il-kriterji dettaljati tal-aġġudikazzjoni u l-leġiżlazzjoni li tirregola l-proċedura tal-awtorizzazzjoni tax-xogħol ta' konċessjoni u kif għandha ssir u tikkonkludi huma speċifikati fid-Dokument tas-Sejħa għall-Offerti.

21. Il-kuntratt tal-konċessjoni

Il-kuntratt tal-konċessjoni jrid jiġi konkluż fi żmien 60 jum wara li jitħabbar ir-riżultat. Il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż mill-Ministru darba biss, b'massimu ta' 60 jum.

L-offerent rebbieħ huwa intitolat li jwettaq l-attività ekonomika esklussiva kkontrollata mill-Istat (il-prospettar, l-estrazzjoni u l-isfruttar tal-enerġija ġeotermali f'żona delimitata) skont il-konċessjoni għat-tul ta' żmien tal-konċessjoni skont il-leġiżlazzjoni rilevanti u l-kuntratt tal-konċessjoni.

L-abbozz tal-kuntratt tal-konċessjoni huwa anness mad-Dokument tas-Sejħa għall-Offerti.

22. Wara li jinxtara d-Dokument tas-Sejħa l-Offerti, l-informazzjoni dwar il-proċedura tas-sejħa għall-offerti tista' tintalab esklussivament bl-Ungeriż bil-miktub, skont il-mod stipulat fid-Dokument tas-Sejħa għall-Offerti; tweġibiet se jingħataw lill-partijiet kollha mill-Uffiċċju Ungeriż għall-Minjieri u l-Ġeoloġija bl-użu tal-indirizz tal-email indikat fuq il-Karta tal-Identifikazzjoni tal-Offerent sottomessa meta nxtara d-Dokument tas-Sejħa għall-Offerti.

Budapest, Mejju 2013.

László NÉMETH

Ministru